**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 29**

**9 ta' Settembru 2025**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-5 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech - Kunsillier
Maurizio Gauci – Kunsillier
Yana Borg Debono Grech – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Alfred Attard – Kunsillier
Karl Cutajar – Kunsillier
Gilmour Borg – Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Deputat Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**

Stefano Sicari – Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier

**Assenti**

Ħadd

**29.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji.**

**29.1.** Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-5.05pm

**29.1.2** Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm ittri t'apologija fejn is-segretarju Eżekuttiv irrispondiet li kien hemm 3 ittri t'apologija, dik tas-Sur Antoine Attard, Tas-Sur Stefano Sicari, tas-Sa MarieClaire Zammit imma din kienet preżenti.

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

29.2.1 Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti fuq il-minuti tal Laqgħa Nu. 28. Ħadd ma kummenta fuq il-Minuti tal-Laqgħħa 28, għalhekk ġew approvati bħala Koretti mis-Sur Maurizio Gauci u ssekodat Is-Sa Jade England.

**29.3 Arisings mill-Minuti**

29.3.1 Is-sa Rosette Cassar staqsiet għaliex decizjoni li ittieħdet fil-laqgħa preċedenti sabiex isiru il-barriers mal-istatwi il-ġodda li saru mis-Socjetà Dun Filippu Borgia ma gietx esegwita. Is-sindku wieġbet li dakinhar ittieħdu żewg deċiżjonijiet Pari Passo u s-soċjeta injorat l-ewwel deċiżjoni u allura it-tieni deċiżjoni awtomaikament waqat.
29.3.2Id-diskussjoni tenniet fejn Is-Sa Rosette baqet tisħaq li dawn kienu żewġ deċizjonijiet separati u it-tieni waħda kella tiġi esegwita.

29.3.3 Is-sa Marie Claire qablet ma Sa Rosette fuq dan il-punt.

29.3.4 Is-sindku fakkret lis-Sa Rosette li hija ukoll Membru tal-Kunsill Lokali l-għola istituzzjoni tar-raħal u meta għaqda Injorat deċiżjoni meħuda mill-istess kunsill hi kellha titkellem.

29.3.5 Is-Sa Rosette baqgħet itteni li dawn kienu żewġ deċiżjonijiet separati u saqsiet x'passi ser jittieħdu konta il-persuna li kella tesegwixxi din id-deċiżjoni.

29.3.6 Is-sindku irrispondiet li dan il-proġett kien parti minnu ukoll il-kunsill u ġie injorat, dawn il barriers kellhom isiru b'mod temporanju għall-żmien il-festa u allura issa id-deċiżjoni waqgħet.

29.3.7 Peress li diskussjoni baqgħet għadejja is-sindku staqsiet sabiex kulħadd jgħati il-ħsieb tiegħu fuq is-sugett.

29.3.8 Is- Sur Maurizio qal li dakinhar hu qal li s-soluzzjoni ta barriers ma kienetx adegwata u kelna nipprovdu xi ħaġa aktar pulita bħall 4 pajpijiet u katina. Is-sur Maurizio qal li huwa kien naqas li jigi il kunsill jitlob il-materjal lil kunsill biex jgħamilhom. U dawn kienu ser isiru b'mod temporanju.

29.3.9 Is-Sa Rosette insistiet li sindku qed idawwar id-diskors u qalet li qed tigdeb fejn is-sindku widbita sabiex tgħarf kif tpoġġi il kliem. tiġi emendata.

29.3.10 Is-Sur Luke qal li jirrikonoxxi li iż-żewġ deċiżjonijiet li ttieħdu ma ġewx esegwiti u tenna li għall-aħjar ta' Birkirkara jixtieq li l-komunikazzjoni bejn il kunsill u l-għaqdiet tmur għall aħjar.

29.3.11 Sa Jade Qablet ma dak li qal Luke fejn tenniet li soċjeta mexxiet u ħadu ħsieb huma biex jħamlu barriers. Hi xtaqet li fil futur ikun hemm komunikazzjoni aħjar.

20.3.12 Is-sur Kaylocke qal li m'ghandux xi jgħid.

20.3.13 Is-Sindku irrimarkat li din l-għaqda għandha tgħati kasna fejn is-sa Yana irrimarkat li aħna ukoll ma tajniex kashom.

29.3.14 Is-sindku wieġbet li mhux il-kas għaliex il -kunsill dejjem għen lis-soċjetà u anki llum fl-iskeda ser inkunu qed napprovaw ħlas tal-perit għax-xogholijiet li saru min naħa tagħhom fejn dawn irċevew il fondi kollha.

29.3.15 Is-sa Yana hawnhekk irrimarkat li hi ma rċevietx l-iskeda tal-pagamenti kif titlob il liġi u għalhekk ma kienetx ha tapprova tali skeda.

29.3.16 Is-segretarju eżekuttiv talbet apoloġija u qalet li għaljenat milli tgħaddi l-iskeda kif tgħamel is-soltu.

29.3.17 Is-Sindku qalet li jekk ma kienux ser japprovaw allura kienet ser taġġorna is-seduta għall darbohra.

29.3.18 Is-Sa Rosette baqgħet tinsisti li trid risposta bil-miktub għaliex id-deċiżjoni li ttirħdet unanimament biex isiru il-barries ma sarietx fejn is-sindku wiegbet li fil minuti ser jitniżżel li din kient deċiżjoni pari passo u waħda waqqat lil l-oħra.

29.3.19 Is-Sa Yana qalet li ma sarux bħala tpattija talli ma tiżżilx isimha fejn is-sindku widdbet biex ma jiddawarx diskors. Yana baqet tghid li allura dakinhar inħela il-ħin biex tittieħed deċizjoni li ma gietx esegwita.

29.3.20 Is-sur Alfred qal li ma kienx preżenti għall laqgħa iżda xtaq li min qajjem il punt jiġi mismuħ.

29.3.22 Is-sur Gilmour qal Li ma kienx preżenti imma jaqbel li kellhom isiru.

29.3.23 Is-Sa MarieClaire qalet li hi taqbel mal-minuti kif ittihdet id-decizjoni.

29.3.24 Is-Sa Rosette baqet issostni li di kwistjoni ta' governanza fejn deċizjoni li ha il kunsill ma ġietx irrispetatat u esegwita.

29.3.25 Kien hawn li is-sindku waqfet id-diskussjoni sabiex tmexxi għall punt li jmiss.

**28.4 Preżentazzjoni tal- Q1 U Q2**

**29.4.1.** Is- Sa Lorna Sultana Spjegat ma kienx hemm bidla kbira mill audit u l-unika problema jibqa id-defecit. Sar eżercizzju sabiex jitnaddaf is-sage min old creditors u debtors. U ser inkunu qed nibgħatu statements li dawk li għandhom dejn mgħana.

29.4.2 Is-Sur Karl staqsa biex tispjega min fejn kien gej il working capital.

29.4.3 Is-Sa Lorna għaddiet l-ispjega fejn is-sur Karl ma qabilx u fejn sostna li l-FSI qed jikber meta hemm surplus ta mitt elf.

29.4.4 Is-Sindku intervjeniet fejn qalet li il kunsill beda -22 u dan kien naqas. U issa ma qed ngħamlu xejn ħlief inħalsu creditors li ma kienux tħalsu qabel. Kontijiet li sibna ma wicna u flimkien ma kawza tal-qorti li ammontat għall kwazi 70,000euro

29.4.5 Is-sa Lorna Qalet li hemm il problema oħra ta *diferred income* li jirrigwardaw flus li ircevejtu min progetti u ghadhom ma ntużawx.

29.4.6 Għall dan qamet diskussjoni fejn dan ġie iċċarat li l-proġett tal -istazzjon kien sar. L-accountant qalet li dawn l-ispejjes ma gewx allokati mal-progett. Fl-accounts.
ġie suġġerit li issir laqgħa mal-accountant ta qabel sabiex jiġi iċċarat ghalfejn dawn ma ġewx mgħaluqinn u tinstab dokumentazzjoni relatata. Q1 u Q2 jierġgħu jiġu prezentati dawn ir-rapporti.

29.4.7 Ġie diskuss jekk ikunx għaqli li nirrevedu it-tender ta l-accountant. Ġie maqbul li jingħata ċans biex jingħalqu dawn ir-rapport u nimxu min hemm.

**29.5 Komunikazzoni mis sindku**

29.5.1 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li hemm Meter tad-dawl fi Triq l-Imdina ma jintużax u akkumula kont ta 1789euro ta' kera sabiex jiġi approvat li jsir il-ħlas tiegħu kif ukoll jitneħħa. Kien hemm approvazzjoni bejn dawk preżenti.

29. 5 2 Is-sindku informat lil dawk preżenti li l-Skema Child minding giet awarded u qed nippreparaw ħalli kif nirċievu l- fondi nixtru l-affarijiet necessarji.

29.5.3 Is-sindku informat li bdew il preparamenti għall Pink October liema data għad trid tiġi deċiża u ovvjament issir f'Ottubru. Din l-attività qed issir flimkien mal kunsilliera Rosette u Marie Claire.

29.5.4 Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li bdew ukoll il-Preparamenti għall jum Birkirkara , Christmas Village, Ljieli Mkebbsa, mixgħela u Kartolina tal-Milied.

29.5.5 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li min naħa tal-gvern ser jitwaħħlu charging pillars ġewwa għadd ta toroq f'Birkirkara. Dawn kienu parti mill-ħidma tal-Gvern. Is-sa Yana staqsiet min iddeċieda fejn jitweħħlu u sindku qalet li dawn kienu fil pjan tal-Gvern. Ġie suġġerit li jitwaħħlu postijiet oħrajn.

29.5.6 Is-sinku għaddiet update bix-xogħolijiet li qed isiru fi triq Olaf Gollcher fejn infurmat li il-kuntrattur li kien qed jaħdem ix-xogħlijiet ġie terminat ħabba dewmien u issa hemm kuntrattur ieħor li qed ikompli ix-xogħol. Liema xogħol mistenni li jdum sa Diċembru biex jitlesta . Toroq ta' Paris qedin jgħalqu qabel tibda l-iskola. Is-sa Jade infurmat li t-Transport pubbliku reġa' waqaf mingħajr pre Avviż. Talbet li għamlu avviż min qabel.

29.5.7 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li ser ikunu qed jibdew xi xogħolijiet ta infrastruttura min Infrastructuremalta. Dawn ser isiru fi triq il-wied min ħdejn HSBC sal Knisja ta santa Tereza. B'dawn ix-xogħlijiet ser jinbidlu il bankini ukoll u ser jingħata l-asfalt sħiħ. Spralli mhux ser jintmissu. Ġie suġġerit li dawn ix-xogħolijiet jiġu ċertifikati mill-perit tagħna.

**29.6 Mistoqsijiet mill-kunsilliera.**

29.6.1 is-sindki qalet li kull ma rċeviet domanda waħda mingħand is-sur Kayloke fejn staqsa dwar il-kuntrattur li kien qed jaħdem fi triq John Borg u li issa waqaf. Sabiex jinqalgħu it-tabelli tan-No Entry u jerġa jirreverti għall kif kien qabel.

29.6.2 Is-sa Rosette qalet li bagħtet email rigward żvilupp fi triq Fleur De Lys, Għall kunsiderazzjoni tal kunsill. Dan l-iżvilupp jikkonsisti fi bini ta Air B&B. Gie deċiż li ser jiġi mgħoddi lil Perit.

**29.7 Rapporti.**

29.7.1 Is-sindku qalet li ħejjiet press release li ser jinqara waqt il-laqgħa u bl-approvazzjoni ser jintbagħat fuq il Mezzi soċjali. Dan jirrigwarda l-inċident li seħħ fuq l-akwidotti liema tiswija ma setgħetx qatt issir mil-kunsill peress li l-Akwidotti huma binja storkika u jaqgħu taħt is-

sovratendenza tal-Patrimonju Kulturali. Il kunsill qed jagħmel pressjoni ma Infrastructuremalta li għandhom jibdew ix-xogħolijiet, sabiex tali ix-xogħolijiet jibdew minnufieħ u jitlestew qabel l-iskola tibda peress li din iż-żona tagħmel impatt kbir fuq it-Traffiku.
Is-sur Alfred talab li nistennew sa l-għada biex jilħaq ikellem lil xi nies biex jghin isir ix-xogħol.
Is-sindku wieġbet li b'din l-istqarrija ma kienet qed tgħid xejn ħażin u l-għan hu li ngħamlu pressjoni minħabba l-imporatnza taż-żona.
Kien hemm qbil li jinbidel laħħar paragrafu tal-istqarrija u jinkiteb **l-awtoritajiet konċernati**.
Kien hemm li tintbagħat il press release.

**29.8 Aministrazzjoni.**

**29.8.1** Ma kien hemm Xejn.

**29.9 Tenders**

29.9 .1 Is-Sindku infurmat li ser inkunu qed noħorġu Tender tal-Milied min sena għal sena.
Peress li fis sini ta qabel kien ikun hemm diskrepanzi
Jade staqsiet li jistax isir aktar dawl tal Milied lejn Swatar. Fejn is-sindku irrispondiet li dan isir ħdejn il parocca. Is-sur Kaylocke qal ukoll li f'din iz-zona ma hemx ventijiet tat tiżjin allura tkun problema biex iwaħħlu id-dwal.

**29.10 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

29.10.1. Is-sindku staqsiet jekk għadhomx bl-istess ħsib li ma japprovawx il-ħlasijiet. Kien hemm ħames voti li ma approvawx għax ma rċevewx l-iskeda qabel kif titlob il-liġi u għalekk mhux japprovaw. U kien hemm ħames voti oħra favur li approvaw plus casting vote tas-sindku.

29.10.2 Is-sur Karl staqsa dwar Dierct orders u sindku stidnet lis-sur Karl sabiex jiġi l-kunsill jiċċekja u jgaħti parir dwar l-iskeda tal pagamenti.

29.10.3 Is-sa Rosette insistiet li ma kellhomx isiru il-ħlasijiet għaliex ma kienx hemm ċans li jiġu riveduti il-pagamenti kif titlob il-liġi. Is-sur Alfred u s-sa Yana issekondaw lis-Sa Rosette.
Laqas sehet tiġi rikkunsidrata fil-laqgħa. għax ma ġietx imqassma fiż-żmien stipulat mill-liġi.

29.10.4Is-sur Gilmour żied li jista jkun hemm żball u dan jista jiġi interpretat li l-Kunsill  japprova mingħar ma jara sew.

29.10.5 Is-sur Kaylocke qal li bħall ma qed niddiskutu kollox u nqattgħu il ħin,nistghu ninvestu aktar ħin issa u naraw il-pagamenti bħall ma għamel hu.

**29.10.2** Is-Sur ~~Maurizio~~ Luke approva l-iskeda, u s-Sa Jaḍe ssekondat l-iskeda tal pagamenti.

**29.10.3.** Wara li s-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti fuq l-iskeda tal-petty cash.

29.10.4 Tenniet mill ġdid id-diskussjoni bl-istess argument.

29.10.5 is-Sinjura Marie Claire approvat u s-Sa Jade ssokondat L-iskeda tal-petty cash.

**29.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**29.11.1** Il- Laqgħa ntemmet fis 6.50pm

**29.11.2** Data tal-laqgħa li jmiss it-tnejn 13 t' Ottubru 2025 fil-6pm

Iffirmati

Christine Jo Mansueto